KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.9.2007
KUMM(2007) 534 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

# IL-PROGRESS TAL-PROGRAMM GALILEO: RIKONFIGURAZZJONI TAL-PROGRAMMI EWROPEJ TAL-GNSS

{SEG(2007) 1210}

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

# IL-PROGRESS TAL-PROGRAMM GALILEO: RIKONFIGURAZZJONI TAL-PROGRAMMI EWROPEJ TAL-GNSS

## 1. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2007, tenna l-importanza tal-programm Galileo, iddeċieda li jwaqqaf in-negozjati dwar il-kuntratt ta' konċessjoni għal partnerjat pubbliku-privat (PPP), qabel[1], fil-prinċipju, li joħloq konfigurazzjoni ġdida għall-programmi Ewropej tal-GNSS u għaraf il-ħtieġa ta' aktar finanzjament pubbliku. Fil-laqgħa tal-21 u 22 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill Ewropew tenna l-importanza tal-programm Galileo bħala proġett ewlieni ta' l-Unjoni Ewropea u talab lill-Kunsill biex fil-Ħarifa ta' l-2007 jadotta deċiżjoni integrata dwar l-implimentazzjoni tal-programm Galileo[2].

Sabiex ikun jista' jieħu din id-deċiżjoni integrata, inkluż fir-rigward tal-finanzjament ta' l-approċċ ġdid, l-istruttura ta' governanza pubblika, inkluż l-approċċ ta' ġestjoni tar-riskju, il-prinċipji ta' l-akkwist pubbliku, u għadd ta' deċiżjonijiet marbuta mal-programmi, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tissottometti analiżi u proposti ġodda. Permezz ta' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda twieġeb għal din it-talba[3] kif ukoll tissottometti Proposta Modifikata għal Regolament dwar is-segwitu tal-programmi Ewropej tal-GNSS[4] flimkien ma' Proposta għal Reviżjoni tal-qafas finanzjarju[5].

Din id-deċiżjoni integrata għandha tiżgura li l-governanza u l-istrutturi kuntrattwali jiffaċilitaw it-tħaddim effikaċi għal żmien twil, il-manutenzjoni u l-isfruttament ekonomiku tal-programm Galileo, imsejsa fuq approċċ integrat ta' ċiklu ta' ħajja teknoloġiku u ġestjoni tar-riskju xierqa. Fost affarijiet oħra, l-urġenza ta' din id-deċiżjoni hija marbuta ma' l-ispejjeż kurrenti tal-fażi ta' żvilupp tal-programm u mal-konsegwenzi finanzjarji ta' tnaqqis mis-sehem fis-suq; żewġ elementi li jikbru b'mod sinifikanti jekk ikun hemm aktar dewmien.

Il-Kummissjoni tippretendi li dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu sa l-aħħar tas-sena u tixtieq tfakkar l-implikazzjonijiet strateġiċi tagħhom, li jmorru lil hinn mill-aspetti finanzjarji u ta' akkwist pubbliku. Il-kwalitajiet tal-GNSS Ewropej huma vitali għall-Ewropa u għall-ekonomija tagħha. Is-soċjetà moderna tiddependi, u ser tibqa' tiddependi dejjem aktar, fuq l-użu ta' l-applikazzjonijiet tal-GNSS għal funzjonijiet vitali ta' sigurtà u dawk ekonomiċi. Barra minn hekk, Galileo huwa pilastru tal-Politika Spazjali Ewropea[6] u jirrappreżenta l-ambizzjonijiet Ewropej fl-oqsma ta' l-ispazju, teknoloġija u innovazzjoni.

---

1 http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/07/st10/st10126.en07.pdf

2 *Summit* Ewropew, 21-22 ta' Ġunju 2007, 11177/1/07 Rev.1, Paragrafu 36.

3 Din il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, SEG(2007) 1210, 19.9.2007.

4 Proposta Modifikata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej tal-GNSS - KUMM(2007) 535, 19.9.2007.

5 Komunikazzjoni li tikkonċerna r-Reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Multi-Annwali u Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina finanzjarja u t-tmexxija soda fir-rigward tal-qafas finanzjarju multi-annwali - KUMM(2007) 549, 19.9.2007.

6 Komunikazzjoni dwar il-Politika Spazjali Ewropea - KUMM(2007) 212, 26.4.2007.

Jekk ma tiħux id-deċiżjonijiet xierqa dwar programm Ewropew tal-GNSS, l-Ewropa tkun qed taċċetta li, għal terminu ta' żmien medju u twil, tiddependi fuq sinjali GNSS barranin, li ftit li xejn ikollha kontroll fuq il-kwalità, id-disponibbiltà u l-prezz tagħhom. Barra minn hekk, mat-telfien konsegwenti ta' għarfien espert residenti fl-Ewropa dwar il-GNSS ikun hemm telfien kbir ta' opportunitajiet makroekonomiċi għall-kumpaniji Ewropej tal-manifattura u tas-servizzi. Fil-futur qrib, l-Ewropa ma jkollhiex il-bażi meħtieġa biex tkun minn ta' quddiem fil-qasam ta' l-innovazzjoni spazjali.

## 2. L-ISPEJJEŻ TA' L-INFRASTRUTTURA TAS-SISTEMA

Il-proċeduri ta' akkwist pubbliku u l-fażi ta' twettiq (*deployment*) ta' Galileo nbdew abbażi ta' approċċ f'żewġ fażijiet. L-ewwel erba' satelliti u parti sostanzjali ta' l-infrastruttura terrestri ġew kuntrattati fl-ambitu tal-kuntratt Validazzjoni fl-Orbita (IOV – *In-Orbit-Validation*) li kien iffirmat mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) fil-bidu ta' l-2006. Il-bqija tal-kostellazzjoni (26 satellita) u ta' l-infrastruttura terrestri huma għan tal-fażi ta’ twettiq li għandha twassal lill-Galileo għall-Kapaċità Operattiva Sħiħa (FOC – *Full Operational Capability*).

Minħabba li saru aktar analiżi u valutazzjonijiet, dawn l-istimi ta' spejjeż issa jistgħu jitqiesu li huma tassew realistiċi u flessibbli[7].

L-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-FOC, li jinkludu l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' l-aġent ta’ kuntratti pubbliċi, l-ispejjeż għall-isfruttament u t-tħaddim ta' l-EGNOS sa l-2013, u l-ispejjeż ta' sostenn għall-maniġer tal-programm, huma stmati li jwasslu għal valur nominali ta' €3 biljun. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskji marbuta mad-disinn u l-atwazzjoni, din l-istima tkun kompleta permezz ta' żieda ta' riżerva għall-kontinġenzi li jkollha valur ta' madwar 14% ta' l-ispejjeż nominali[8].

| Partita | Stima ta' l-ispejjeż, f'miljuni ta' euro |
|---|---|
| **Galileo FOC** | |
| Satelliti + pjattaformi li minnhom ivaraw is-satelliti | 1600 |
| Infrastruttura ta' kontroll terrestri | 400 |
| Operazzjonijiet | 275 |
| Inġinerija tas-Sistemi | 150 |
| Spejjeż ta' ġestjoni ta' l-Aġent ta’ Kuntratti Pubbliċili rebaħ il-kuntratt | 195 |
| **EGNOS** | |
| Sfruttament u tħaddim (2008-2013) | 330 |
| **Sostenn lill-Kummissjoni** | |
| Sostenn għall-ġestjoni tal-proġett u servizzi ta' konsulenza | 27 |
| **Kontinġenzi[9]** | 428 |
| **Total kumplessiv** | **3,405** |

[7] Dejta mill-ESA, offerti preċedenti ta' konċessjonijiet PPP, u l-kuntratt IOV; evalwazzjoni mill-ESA, GSA u konsulenti indipendenti minn PriceWaterhouseCoopers u Satel Conseil International; u laqgħa ta' verifika ma' esperti minn aġenziji spazjali nazzjonali.

[8] Normalment, ir-riżervi għall-kontinġenzi għal programmi spazjali jvarjaw bejn l-10% u l-20%.

[9] Eċċess possibbli ta' spejjeż fil-fażi IOV ser ikun kopert mill-arranġamenti finanzjarji attwali u/jew mir-Riżerva għall-Kontinġenzi.

Dawn l-istimi huma bbażati fuq implimentazzjoni immedjata ta' l-attivitajiet marbuta ma' l-appalti pubbliċi wara li, sa tmiem l-2007, tittieħed deċiżjoni politika integrata ta' l-UE.

Naturalment, iċ-ċifri kollha jirrappreżentaw l-aktar stima ottimista ta' l-ispejjeż marbuta ma' l-appalti previsti f'każ ta' offerti kompetittivi, negozjati effikaċi ta' kuntratti u l-osservanza tal-kalendarju previst. Madankollu, il-prezzijiet offruti mis-settur privat, li huma l-ispejjeż li trid tħallas il-Komunità, isiru magħrufa biss waqt in-negozjati għall-akkwist pubbliku. Sabiex jiġi żgurat li l-Komunità tikseb l-aħjar valur għal flusha u li l-prezzijiet ikunu jaqblu ma' l-ispejjeż, ikun neċessarju li l-Komunità (u l-aġent ta' kuntratti pubbliċi tagħha ) tingħata pożizzjoni tajba fin-negozjati, permezz ta' proċedura li tgħina toffri proposti kompetittivi bbażata fuq prinċipji xierqa definiti f'qafas tal-politika ta' akkwist pubbliku.

Għaldaqstant, l-għażliet li jsiru fil-politika ta' akkwist pubbliku mistennija li jħallu impatt konsiderevoli fuq l-ispejjeż finali li trid tħallas il-Komunità. Barra minn hekk, f'każ ta' dewmien fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi jew ta' programmazzjoni, għandhom jiġu previsti spejjeż addizzjonali dovuti għal żieda proporzjonali ta' l-ispejjeż tal-kuntratti attwali (il-kuntratti IOV[10]), u għat-telfien ta' opportunitajiet tas-suq b'konsegwenza tal-wasla ta' sistemi kompetituri.

| |
|---|
| Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Awtorità tal-Baġit li tadotta d-deċiżjonijiet tagħha dwar il-bażi ta' l-ispejjeż stmati għall-akkwist pubbliku tal-Kapaċità Operattiva Sħiħa (FOC) ta' Galileo, li għall-perjodu 2007-2013 jammontaw għal €3.4 biljun, inklużi l-ispejjeż għall-EGNOS, l-aġent ta' kuntratti pubbliċi, l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-programm u r-riżerva għall-kontinġenzi. |

## 3. IR-RISKJI TAL-PROGRAMM GALILEO U L-ĠESTJONI TAGĦHOM

L-UE, bħala proprjetarja tas-sistema li toħroġ mill-programm Galileo, tkun meħtieġa tidentifika u, f'każ li jiġu aċċettati, eventwalment tassumi r-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati mal-programmi Ewropej tal-GNSS. Dawn ir-riskji huma indikati fid-dettall fl-Anness 1 u fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni. Fil-fażi ta' appaltar, l-aktar riskji importanti huma dawk marbuta mad-disinjar u mal-fażi tat-twettiq.

Ir-riskji marbuta mad-disinjar jirreferu għall-possibbiltà li Galileo ma jirnexxilux jilħaq il-prestazzjonijiet previsti minħabba problemi eventwali ta' disinjar. Dawn ir-riskji marbuta mad-disinjar u l-probabbiltà tagħhom huma tipiċi għall-programmi spazjali. Għalkemm jeħtieġu monitoraġġ u kontroll mill-qrib, f'din il-fażi, dawn ir-riskji ma għandhom jikkawżaw ebda preokkupazzjoni partikolari.

Ir-riskji ta' ttardjar tal-programm Galileo huma marbuta ma' kwistjonijiet tekniċi, maniġerjali, finanzjarji jew politiċi li joħolqu dewmien u spejjeż żejda, u b'konsegwenza, dewmien fit-tqegħid fis-suq. Il-biċċa l-kbira ta' dan l-ittardjar fil-programm għandu jiġi mtaffi permezz ta' azzjonijiet speċifiċi, mill-miżuri proposti ta' governanza pubblika, minn ġestjoni tal-programm u deċiżjonijiet ta' superviżjoni rigorużi, u minn deċiżjonijiet politiċi f'waqthom. Minbarra l-ispejjeż ta' darba speċifiċi relatati ma' dawn ir-riskji, l-akbar impatt li jħalli d-dewmien huwa ż-żieda fl-ispejjeż għat-twettiq u telf ta' dħul mill-isfruttament tal-programmi.

Ir-riżerva għall-kontinġenzi prevista għall-appaltar hija stipulata fir-rigward ta' l-impatt fuq l-ispejjeż u l-probabbiltà li jinħolqu r-riskji marbuta mad-disinjar u l-fażi tat-twettiq.

10 Fil-qafas tal-kuntratt IOV, jingħataw kuntratti għal: 4 satelliti u l-pattaformi li ivarawhom minnhom, l-ewwel ċentru ta' kontroll satellitari, u madwar nofs l-istazzjonijiet ta' *uplink* (kollegament terrestri mas-satellita), ta' traċċar u ta' monitoraġġ.

Il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jinnotaw li r-riskji identifikati jidhru li huma proporzjonali ma' l-ambizzjonijiet u l-ambitu tal-programmi Ewropej tal-GNSS u li bħalissa, apparti r-riżerva għall-kontinġenzi prevista, mhumiex meħtieġa miżuri ta' baġit speċifiċi. Madankollu, f'każ li jinħolqu xi riskji, il-Kummissjoni sejra tipprovdi analiżi dettaljata u jekk ikun xieraq, tipprovdi proposti komprensivi lill-Awtorità tal-Baġit.

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li timplimenta approċċ integrat ta' ġestjoni tar-riskji marbuta mal-programm fil-fażijiet u livelli kollha tiegħu, u li timplimenta miżuri strutturali sabiex tidentifika, tikkontrolla, ittaffi u timmonitorja r-riskji, kif ukoll li tirrapporta regolarment lill-Awtorità tal-Baġit.

## 4. IL-BENEFIĊĊJI EKONOMIĊI U D-DĦUL MILL-ISFRUTTAMENT TA' GALILEO FIS-SUQ DINJI TAN-NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA

### 4.1. Swieq dinjija *downstream* għas-servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita

Ġeneralment, f'dawn l-aħħar għaxar snin, is-suq dinji għan-navigazzjoni bis-satellita żdied b'mod spettakolari. F'termini ta' applikazzjonijiet u tagħmir, il-valur ta' dan is-suq huwa wieħed konsiderevoli u huwa wieħed mill-aktar swieq teknoloġiċi li qed jikbru b'rata mgħaġġla. Għal din is-sena, mistenni bejgħ ta' 10 miljun riċevitur tal-GNSS fl-Ewropa biss, u fis-sena 2011 din iċ-ċifra għandha titla' għal 230 miljun unità[11].

Wara l-2010, is-suq tal-GNSS ser isir mutur ewlieni fl-ekonomija globali u l-Ewropa ma tistax titlef din l-okkazjoni li tikseb rwol importanti f'dan il-qasam; minn hekk toħroġ l-importanza strateġika li għandhom il-programmi Ewropej tal-GNSS. Naturalment, il-fornituri tas-sistemi GNSS ser ikollhom influwenza kbira fuq id-deċiżjonijiet essenzjali kollha li jolqtu l-utenti tal-GNSS, bħal ma huma d-definizzjoni u l-aġġornament ta' l-istandards, il-garanzija ta' aċċess lokali kontinwu, id-definizzjoni ta' politika ta' kontroll ta' l-esportazzjoni industrijali u s-servizz tal-ħtiġijiet ta' l-utenti fil-futur permezz ta l-immodernizzar tas-sistema. Għal dawn id-deċiżjonijiet importanti kollha li jolqtu sehem kbir mill-ekonomija Ewropea, l-UE ma tistax tiddependi fuq il-politiki barranin biss. Għaldaqstant, il-kompletar ta' Galileo huwa investiment indispensabbli fl-infrastruttura għall-UE.

Inevitabbilment, l-iżvilupp ta' Galileo jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn sforz speċifiku biex jiġu żviluppati applikazzjonijiet u servizzi (ara t-taqsima dwar il-ħtiġijiet ta' l-utenti), li jgħin lill-industrija Ewropea tikseb pożizzjoni b'saħħitha, tiżviluppa l-għarfien tagħha u toffri applikazzjonijiet għal oqsma speċjalizzati. Dan għandu jixpruna l-ħolqien u t-tkabbir ta' l-SMEs u jiġġenera impjiegi ta' livell għoli. Għalhekk, Galileo u EGNOS għandhom jitqiesu bħala investimenti li jippermettu lill-Ewropa li tippenetra, tiżviluppa u żżomm għaliha sehem sostanzjali mis-suq tal-GNSS.

Galileo għandu jżid il-benefiċċji pubbliċi li jistgħu jiġu ġġenerati mill-GNSS, bħal ma huma l-impjiegi, l-ambjent (tnaqqis fil-konġestjoni tat-toroq, rotot iqsar u aktar diretti li jwasslu għal inqas konsum ta' fjuwil), benefiċċji soċjali (aktar sikurezza), żieda fl-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi (fis-servizzi ta' tfittxija u salvataġġ, tat-tifi tan-nar, ta' l-ambulanzi u tas-sigurtà) u ta' setturi ekonomiċi (agrikoltura, sajd, trasport), u l-ġestjoni ta' riżorsi pubbliċi skarsi (fl-avjazzjoni).

[11] Sors: Riċerka ABI 2006

Barra minn hekk, Galileo joffri ħafna benefiċċji diretti oħrajn. Mhux biss ser tiżdied b'mod sinifikanti d-disponibbiltà ta' navigazzjoni bis-satellita fl-ibliet kbar permezz ta' l-użu tal-GPS u ta' Galileo flimkien, talli s-sistema ta' Galileo tipprevedi wkoll kapaċitajiet ta' pożizzjonament fil-magħluq. Il-preċiżjoni tan-navigazzjoni bis-satellita ser tiżdied u l-"kompetizzjoni" bejn il-GPS u Galileo ser twassal għal aktar innovazzjonijiet fin-navigazzjoni bis-satellita għall-utenti madwar id-dinja kollha, pereżempju, preċiżjoni aqwa u kapaċità akbar fil-pożizzjonament fil-magħluq tas-sistema Galileo fuq dik tal-GPS-II, u titjib fis-sinjali għas-suq tal-massa kemm fil-każ tal-GPS-II kif ukoll għall-Galileo. L-użu ċivili ta' Galileo ser jitjieb aktar permezz ta' 5 servizzi funzjonali. Dan jipprovdi bażi biex jiġu indirizzati ħtiġijiet tas-suq ġodda fis-swieq tat-toroq, ta' l-avjazzjoni u dawk marittimi, liema ħtiġijiet mhumiex milħuqa mit-teknoloġija eżistenti. Permezz ta' Galileo tonqos ukoll kwalunkwe dipendenza minn sors uniku. Dan huwa importanti, pereżempju, għall-użu ta' sinjali għas-sinkronizzazzjoni ta' netwerks ta' komunikazzjoni elettronika u ta' sistemi ta' distribuzzjoni ta' l-elettriku. Fl-aħħarnett, il-qafas ġuridiku li fuqu jitfassal il-programm Galileo jipprevedi sistema ta' responsabbiltajiet ċari u mingħajr ambigwità. Ir-responsabbiltà hija importanti ħafna għall-operaturi, kemm jekk pubbliċi kif privati, sabiex dawn jimplimentaw servizzi ġodda liċ-ċittadini u/jew lil klijenti kummerċjali. Għaldaqstant l-utenti għandhom raġunijiet validi biex jużaw il-Galileo.

### 4.2. Dħul mill-użu u benefiċċji diretti tal-programmi Ewropej tal-GNSS

Id-dħul dirett mill-użu ta' Galileo jirrappreżenta parti ċkejkna mid-dħul ta' l-Istati Membri u parti iċken tas-swieq dinjija u Ewropej tal-GNSS. Il-fluss ta' dħul previst mill-użu ta' Galileo huwa wieħed konsiderevoli u diversifikat sew, iżda huwa suġġett għal inċertezzi.

Abbażi ta' studji preċedenti, ta' dejta pprovduta fid-diversi offerti għall-fażi preċedenti, ta' verifiki indipendenti, ta' analiżi li saret mill-GJU u, dan l-aħħar mill-GSA, dawn l-istimi ta' dħul mill-isfruttament dirett ta' Galileo (inkluż l-inċertezzi)[12] issa saru disponibbli għall-forniment tas-sinjali EGNOS u Galileo.

L-inċertezzi fir-rigward tad-dħul mill-isfruttament[13] huma stmati li jvarjaw bejn b'aktar minn terz u b'inqas min-nofs tax-xenarju bażi ta' €9.1 biljun, li jfisser varjazzjoni ta' bejn €4.6 u 11.7 biljun għal perjodu ta' 20 sena. Madankollu, l-azzjonijiet immirati biex itaffu r-riskji u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' dħul ser iħallu effett pożittiv.

Dan id-dħul mill-isfruttament[14] jista' jitqassam kif ġej:

| Tqassim tad-dħul mill-isfruttament ta' Galileo/EGNOS | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| skond is-servizz | | skond il-mekkaniżmu ta' tariffi | | skond is-settur | |
| Servizz Miftuħ – użu normali | 0% | manifattura ta' terminali | 46% | trasport tat-toroq | 30% |
| - użu speċjali | 54% | klijenti governattivi | 29% | PRS | 29% |
| PRS | 29% | forrnituri ta' servizzi | 14% | telefonija mobbli | 17% |
| Is-sikurezza tal-ħajja | 10% | manifattura tar-riċevitur | 7% | servizzi professjonali | 9% |
| Servizzi Kummerċjali | 7% | utenti finali | 4% | avjazzjoni | 5% |
| Tfittxija u Salvataġġ | 0% | | | oħrajn | 10% |

Id-dħul reali mill-isfruttament ta' Galileo jiddependi ħafna miż-żmien li fih jitqiegħed fis-suq, minn kemm l-azzjonijiet tas-settur pubbliku jirnexxielhom iħejju s-swieq u mill-

---

12 Sorsi: GSA abbażi ta' Ovum 2006, Riċerka ABI 2006, Berg Insight 2006, ESYS 2006

13 Waqt in-negozjati dwar il-kuntratt ta' konċessjoni għall-PPP, kienet din l-inċertezza li skoraġġiet lis-settur privat milli jaċċetta r-riskju tas-suq.

14 Sorsi: Ovum 2006, offerti waqt il-fażi ta' negozjati dwar il-kuntratt ta' konċessjoni għall-PPP.

implimentazzjoni ta’ qafas regolatorju li jelimina kwalunkwe xkiel għall-iżvilupp tas-suq, mir-rata li biha jiġi adottat is-servizz PRS min-naħa ta’ l-awtoritajiet pubbliċi ta’ l-UE, mis-suċċess li jinkiseb mis-sistemi GNSS f'kompetizzjoni ma' Galileo, u mill-kapaċità ta' l-UE li ssib imsieħba tas-settur privat li huma kapaċi u jirnexxielhom jindirizzaw is-swieq dinjija ta’ navigazzjoni bis-satellita. B’mod partikolari, id-dipendenza kbira tad-dħul mill-isfruttament fuq l-użu speċjali tas-sistema ta’ servizzi miftuħin, bħal servizzi ta’ awtentikazzjoni u servizzi pubbliċi ta’ emerġenza, teħtieġ kunsiderazzjoniet speċjali, bħal modifiki għall-qafas regolatorju, sabiex tipprevedi l-użu ta' sinjali awtentikati għall-applikazzjonijiet fil-qasam ta' ħlas tal-pedaġġ fuq it-toroq.

Għaldaqstant, id-dħul mill-użu ta’ Galileo għandu jitqies bħala benefiċċju addizzjonali u mhux bħala l-uniku mutur tal-programmi Ewropej tal-GNSS. Preċiżament, hija l-possibbiltà ta’ dan id-dħul li tista’ tkun ta’ interess għas-settur privat. Għalhekk, dan id-dħul huwa importanti biex is-settur pubbliku ta’ l-UE jkun jista’ jittrasferixxi riskji lis-settur privat u biex jikseb il-benefiċċji tal-parteċipazzjoni tas-settur privat fil-programm.

Fl-aħħarnett, Galileo jista’ jiġi ġġustifikat mill-possibbiltà ta' dħul mill-isfruttament tiegħu, iżda fuq kollox, mill-impatt li jħalli fuq l-industrija Ewropea tal-GNSS u fuq l-ekonomija b'mod ġenerali.

| |
|---|
| Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew, fid-deċiżjoni tagħhom biex jirrikonfiguraw il-programmi Ewropej tal-GNSS, jikkunsidraw il-benefiċċji makroekonomiċi u pubbliċi tal-programmi; tal-benefiċċji diretti ta’ Galileo f’termini ta’ servizzi u swieq ġodda, tal-prestazzjonijiet aqwa u ta’ kif jikkumplimenta is-sistema GPS; u tal-fatt li teżisti bażi raġonevoli għad-dħul mistenni mill-isfruttament ta’ Galileo. |

## 5. Il-finanzjament tal-programmi Ewropej tal-GNSS

Għall-perjodu 2007-2013, ix-xenarju propost jeħtieġ finanzjament totali ta’ €3.4 biljun. Madankollu, il-qafas finanzjarju Komunitarju għall-2007/2013 ippreveda l-ammont ta’ €1 biljun biss. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu analizzati possibbiltajiet oħrajn sabiex jiġu identifikati riżorsi finanzjarji addizzjonali għal €2.4 biljun, matul il-perjodu 2008-2013. Għal dan il-għan, huwa importanti li mill-bidu, wieħed jiddistingwi bejn żewġ għażliet: il-finanzjament mill-baġit Komunitarju u l-finanzjament intergovernattiv, li jeskludi l-baġit Komunitarju.

<u>Finanzjament mill-baġit Komunitarju</u>

Il-Punti 21 u 23 tal-ftehim interistituzzjonali dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-ġestjoni soda tal-finanzi (IIA) jiddefinixxu l-modalitajiet li l-Awtorità tal-Baġit tista' tiddeċiedi bihom dwar reviżjoni tal-qafas finanzjarju multi-annwali f’kaz ta’ ċirkostanzi mhux previsti. Il-falliment tan-negozjati għall-konċessjoni ta’ kuntratt ma’ konsorzju privat jikkostitwixxi din it-tip ta’ ċirkostanza mhix prevista.

Meta jitqiesu l-ammonti involuti, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-qafas finanzjarju multi-annwali jeħtieġ li jiġi rivedut. L-għażliet l-oħra offruti, fil-prinċipju, mill-IIA ma joffrux alternattivi vijabbli għal din ir-reviżjoni:

– Il-marġnijiet stmati li jinżammu taħt il-limitu ta' l-intestatura 1A skond it-termini tal-Punt 13 ta' IIA mhumiex adegwati għall-finanzjament fit-tul ta' dan il-kobor. Dan japplika wkoll għall-mobilizzazzjoni ta' l-istrument ta' flessibbiltà, li mhuwiex previst għall-użu rikorrenti. Minħabba l-importanza tiegħu, il-programm Galileo jeħtieġ impenn politiku u ġuridiku qawwi u sostenibbli, sabiex ipatti għad-dewmien akkumulat u jerġa' jikseb il-fiduċja tas-settur privat - li l-kollaborazzjoni tiegħu hija indispensabbli.

– Il-Punt 37 tal-IIA jippermetti devjazzjoni ta' mhux aktar minn 5% mill-ammont stipulat fl-atti ġuridiċi li jikkonċernaw programmi multi-annwali adottati skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni. Abbażi ta' dan, fil-prinċipju, jista' jiġi trasferit ammont konsiderevoli għall-programm Galileo permezz ta' tqassim mill-ġdid tar-riżorsi ta' l-intestatura 1A. Madankollu, dan it-tqassim mill-ġdid fil-bidu tal-perjodu ta programmar ma jkunx xieraq. F'din il-fażi, peress li l-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi għadha kemm bdiet, ma hemmx vantaġġi x'jintrebħu mill-infiq nieqes ta' dawn il-programmi.

Finanzjament intergovernattiv

Il-finanzjament intergovernattiv jista' jadotta dawn il-forom:

a) L-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) tiffananzja nofs il-fażi ta' l-iżvilupp tal-programm Galileo. Teorikament, dan il-mudell ta' finanzjament jista' jiġi estiż għall-fażi tat-twettiq tal-programm. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' din is-soluzzjoni toffri għadd ta' żvantaġġi:

- L-Istati Membri ta' l-UE, notevolment dawk ġodda, mhumiex kollha membri ta' l-ESA. Bl-istess mod, l-Istati Membri ta' l-ESA mhumiex kollha membri ta' l-UE. Dan joħloq problema ta' drittijiet ta' proprjetà ta' assi materjali u immaterjali fl-ambitu tal-programm;
- Il-finanzjament ta' l-ESA huwa inkompatibbli mal-karattru Komunitarju tal-programm, peress li l-Awtorità tal-Baġit ma teżerċita ebda kontroll fuq il-parti ffinanzjata direttament mill-Istati Membri ta' l-ESA[15].
- Il-kofinanzjament jolqot il-governanza pubblika tal-programm b'mod serju, peress li r-rwol ta' l-ESA fil-finanzjament ftit li xejn jaqbel mar-rwol tagħha bħala kontraent prinċipali.

b) Il-kontribuzzjonijiet diretti ta' l-Istati Membri għall-programm Galileo jistgħu jiġu minn strument simili għal dak użat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Fir-rigward tal-possibbiltà ta' għoti ta' self dirett għall-programm, mingħajr il-garanzija ta' l-Istati Membri, ta' min ifakkar li, b'differenza mill-Istati Membri, il-Komunità Ewropea mhix permessa tissellef. Jeħtieġ li l-possibbiltà li jiġu stabbiliti dawn il-kontribuzzjonijiet tiġi studjata b'reqqa, peress li ma jeżisti ebda preċedent faċilment trasferibbli.

Madankollu, għal raġunijiet ġuridiċi, istituzzjonali u ta' programmar, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Unjoni Ewropea biss, bħala l-proprjetarja tas-sistema, għandha tipprovdi r-riżorsi finanzjarji addizzjonali. Minkejja dan, tista' titqies ukoll il-parteċipazzjoni internazzjonali, dejjem jekk suġġetta għal kundizzjonijiet aċċettabbli, għal attivtajiet bħal tħaffif ta' aċċess għal servizzi tal-GNSS Ewropea mad-dinja kollha.

---

[15] Għaldaqstant, il-Parlament Ewropew esprima l-oppożizzjoni tiegħu għal din il-soluzzjoni f'diversi okkażżjonijiet.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tippreżenta, flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, proposta[16] għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna r-reviżjoni tal-qafas multi-annwali bl-iskop li tipprovdi għall-finanzjament pubbliku meħtieġ ta' €3.4 biljun għall-perjodu 2007-2013, kif ukoll sabiex tagħti l-mezzi neċessarji lill-Unjoni biex tkompli bil-programmi EGNOS u Galileo, li t-tliet istituzzjonijiet għadhom kemm tennew l-importanza tagħhom.

Diġà ġie previst ammont ta' €1.005 biljun fil-qafas finanzjarju attwali (2007-2013) taħt l-intestatura tal-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni[17] għall-implimentazzjoni tal-fażi tat-twettiq u ta' l-isfruttament tal-programm Galileo. Qed jiġi propost li ma' dan l-ammont jiżdied ammont addizzjonali ta' €2.100 biljun. Ir-rilaxx ta' dan l-ammont ser ikun suġġett għal reviżjoni tal-qafas finanzjarju attwali (2007-2013). Il-fondi ser jiġu minn marġnijiet mhux sfruttati ta' l-intestaturi 2 u 5 tas-snin 2007 u 2008. Konsegwentament, it-test tal-Proposta Modifikata jiffissa l-ammont ta' €3.105 biljun bħala dak li għandu jiġi previst fil-baġit Komunitarju għall-perjodu 2007-2013 fl-ambitu tal-programmi Ewropej tal-GNSS. Fl-ambitu tas-7 Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp hemm disponibbli ammont ta' €300 miljun għall-programmi Ewropej tal-GNSS, li bihom it-total jitla' għal €3.4 biljun.

Fir-rigward ta' l-EGNOS, fil-bidu kien previst li l-finanzjament tiegħu jiġi garantit permezz ta' l-integrazzjoni totali tiegħu f'Galileo u tad-disponibilità tal-baġit qabel tmiem l-2007. Peress li l-fażi ta' twettiq ta' EGNOS waslet biex tintemm, l-ESA bi ħsieba tiċċertifika l-verżjoni softwer ta' EGNOS bħala konformi mar-rekwiżiti ta' l-avjazzjoni. Għaldaqstant huwa previst li d-dispożizzjonijiet finanzjarji attwali jkomplu jkopru din il-fażi ta' preċertifikazzjoni sa Marzu 2009.

## 6. IL-ĦTIĠIJIET TA' L-UTENTI, IL-PREPARAZZJONI TAS-SWIEQ U T-TKABBIR TA' OPPURTUNITAJIET TA' DĦUL

Peress li l-għan aħħari ta' l-EGNOS u l-Galileo huwa li jipprovdu servizzi globali ta' navigazzjoni bis-satellita li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-utenti madwar id-dinja kollha, huwa essenzjali li dawn il-ħtiġijiet ikunu identifikati sew u li jiġu indirizzati permezz ta' żvilupp u innovazzjoni kontwini tas-sistemi.

Wara l-konsultazzjoni tal-*Green Paper*, fil-futur qrib, il-Kummissjoni ser tippubblika Pjan ta' Azzjoni li l-għan ewlieni tiegħu jkun li jistabbilixxi qafas li jippermetti l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u servizzi bbażati fuq EGNOS u Galileo permezz ta' azzjoni speċifika f'kull ambitu ta' applikazzjoni u suq.

L-introduzzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni għandha importanza konsiderevoli, peress li l-azzjoni tas-settur pubbliku tikkontribwixxi wkoll għal tnaqqis strutturali tar-riskji tas-sistemi konnessi mad-dħul u mas-suq.

Il-GSA, b'koordinament mas-servizzi tal-Kummissjoni, għandha tikkontribwixxi għal din il-ħidma importanti, billi tikkoordina l-attivitajiet tagħha ma' l-awtoritajiet pubbliċi wkoll fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u billi taħdem mill-qrib mal-parteċipanti fis-setturi u swieq rilevanti kollha.

---

[16] Komunikazzjoni li tikkonċerna r-Reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Multi-Annwali u Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina finanzjarja u t-tmexxija soda fir-rigward tal-qafas finanzjarju multi-annwali - KUMM(2007) 549, 19.9.2007.

[17] KUMM(2004) 477 finali/2.

Abbażi ta' din il-ħidma, u fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha toħloq regolamenti u proposti oħrajn li jneħħu kull xkiel għall-iżvilupp ta' politiki Komunitarji li jistgħu jgawdu mill-użu tan-navigazzjoni bis-satellita, notevolment fl-oqsma ta' l-interoperabbiltà tas-servizzi u sistemi li jipprevedu l-użu tan-navigazzjoni bis-satellita, l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' ħlas tal-pedaġġ fuq it-toroq, il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza, l-operazzjonijiet ta' sikurezza, il-monitoraġġ ta' infrastruttura kritika, it-trasport ta' annimali u merkanzija perikoluża, u oħrajn. Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew jinnotaw il-ħtieġa tas-settur pubbliku ta' l-UE li jipprepara s-swieq tal-GNSS u jieħu l-azzjonijiet rilevanti kollha, inkluż is-sensibilizzazzjoni, il-proviżjoni ta' informazzjoni teknika, l-assistenza lill-parteċipanti kollha tas-setturi privati u pubbliċi fis-setturi ekonomiċi interessati kollha, il-preparazzjoni ta' metodi ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni, u l-konsolidament tar-rekwiżiti tas-suq.

| |
|---|
| Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li r-rwol tal-GSA jissaħħaħ u li din l-awtorità tingħata rwol ta' koordinament u ewlieni fil-preparazzjoni tas-swieq Ewropej tal-GNSS, u li l-missjoni, il-persunal u l-funzjonament tagħha jiġu reveduti. |

## 7. GOVERNANZA TAS-SETTUR PUBBLIKU

Is-superviżjoni u l-ġestjoni tal-programm huma parti integrali ta' programmi tat-tip ta' Galileo. It-tqassim ċar ta' rwoli u responsabbiltajiet u l-proċessi effikaċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' spejjeż u dewmien tal-programmi. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi simplifikazzjoni ta' l-istruttura ta' governanza pubblika u tqassim strutturali tar-rwoli abbażi ta' distinzjoni ċara bejn is-superviżjoni u l-ġestjoni tal-programm, u abbażi ta' finanzjament u regoli ta' l-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tieħu għadd ta' miżuri konkreti li jsaħħu l-ġestjoni tal-programm.




(1) Ir-rwol tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew:

Ir-rwol ta' superviżjoni huwa responsabbiltà tal-Kunsill u tal-Parlament u jista' jieħu għamla ta':

- supervizjoni politika, li ssir direttament mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew, u
- superviżjoni tal-programm fl-għamla ta' "Kumitat ta' Programmi Ewropej tal-GNSS"[18] li fih, ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri jassistu fl-implimentazzjoni tal-programm u jipprovdu gwida ġenerali dwar l-aspetti importanti kollha tal-programm.

(2) Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea:

Bħala l-istituzzjoni li hija direttament responsabbli għall-Kunsill u l-Parlament, il-Kummissjoni Ewropea għandha tassumi r-responsabbiltà sħiħa tal-ġestjoni tal-programm.

Il-Kummissjoni għandha l-fehma li huwa essenzjali li jkun hemm Maniġer tal-Programm uniku, min-naħa tas-settur pubbliku, li jkun responsabbli għall-programm Galileo kollu, li jieħu ħsieb il-kontroll tal-ġestjoni u/jew il-kuntratti fuq il-livelli ta' implimentazzjoni subordinati kollha, li jkollu aċċess għar-riżorsi finanzjarji u għall-awtoritajiet politiċi wkoll, u li jista' jiggarantixxi l-arbitraġġ meħtieġ bejn l-elementi kollha tal-programm. Jekk ir-responsabbiltà tingħata lil nies differenti, ir-rappurtar u ġerarkiji ta' responsabbiltà diversi jikkawżaw qsim fil-programm u jħallu impatti strutturali negattivi.

18 Ara l-Proposta Modifikata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej tal-GNSS - KUMM(2007) 535, 19.9.2007.

Il-Kummissjoni Ewropea taġixxi, fost l-oħrajn, bħala l-kontraent prinċipali (jew "*sponsor*") tal-programm, tissorvelja l-kuntratti kollha ta' żvilupp, akkwist pubbliku, operazzjonijiet u manutenzjoni, kif ukoll il-kuntratti ta' l-isfruttament relatati ma' l-infrastruttura tas-sistema.

(3) Ir-rwol ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-GNSS (GSA)

Ta' min jinnota li s-sospensjoni tan-negozjati dwar il-kuntratt ta' konċessjonijiet għall-PPP ħolqot vojt ġuridiku fir-rigward tar-rwol tal-GSA li, skond ir-Regolament[19] attwali li stabbilixxa l-istess Awtorità, kien ibbażat kompletament fuq il-ħatra ta' konċessjonarju.

Għalhekk, huwa importanti li l-GSA issa ser tiġi msaħħa fir-rigward ta' l-aspetti rilevanti kollha għall-preparazzjoni tas-swieq sabiex tippermetti lill-UE żżid l-impenn tagħha f'Galileo. Barra minn hekk, il-GSA taġixxi bħala l-Awtorità ta' Akkreditament, u hija responsabbli għall-organizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni. Il-GSA tagħti pariri u tassisti l-Maniġer tal-Programm dwar l-aspetti kollha tal-programm.

Hekk kif jittieħdu d-deċiżjonijiet politiċi ta' l-UE dwar il-programm, il-Kummissjoni ser tressaq proposta għal Reviżjoni tar-Regolament imsemmi sabiex tipprovdi qafas koerenti għall-governanza pubblika.

(4) Ir-rwol ta' l-Aġenzija Spazjali Ewropea:

Bħala waħda mill-promoturi tal-programmi Ewropej tal-GNSS u l-arkitett tekniku ta' dawn il-programmi, l-ESA qiegħda fi stat eċċellenti biex tagħmel ix-xogħol ta' aġent ta' kuntratti pubbliċi u ta' kontraent prinċipali (jew "kuntrattur ewlieni"). Barra minn hekk, l-għarfien espert tekniku ta' l-ESA u l-esperjenza li kisbet f'dawn l-aħħar għaxar snin fil-programmi Ewropej tal-GNSS hija unika u ma tistax terġa' tinkiseb mingħajr dewmien, spejjeż u riskji kbar għall-programm.

L-ESA ser taġixxi abbażi ta' Ftehim dettaljat dwar il-GNSS bejn l-ESA stess u l-KE (Ftehim GNSS ESA-KE) li ser jistabbilixxi l-obbligi rispettivi, il-politika ta' akkwist pubbliku, il-metodi ta' rapportar u interazzjoni, il-limiti tat-teħid ta' deċiżjonijiet awtonomu ta' l-ESA, u l-proċeduri li bihom jittieħdu d-deċiżjonijiet mill-Kummissjoni u, f'każijiet xierqa, mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Fir-rigward tar-rwol ta' l-awtorità tad-disinn, hemm bżonn li jkun żgurat li s-settur pubbliku Ewropew, bħala proprjetarju tas-sistemi, iżomm l-għarfien kruċjali dwar id-definizzjoni teknika ddettaljata tal-programmi Ewropej tal-GNSS u jibqa' involut f'din id-definizzjoni. Dan huwa essenzjali għall-għoti ta' kuntratti futuri fir-rigward tal-programmi Ewropej tal-GNSS. Il-Ftehim GNSS ESA-KE ser jindirizza din il-kwistjoni fid-dettall.

Il-Kummissjoni tipprevedi li r-rapportar lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew ikun regolari u ddettaljat, anke dwar il-progress, ir-riskji, il-finanzjament, il-adegwatezza tal-mekkaniżmu ta' governanza, u l-aspetti rilevanti oħrajn kollha.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew jiftiehmu dwar dan is-sett ta' proposti għall-governanza pubblika tal-programmi Ewropej tal-GNSS, b'mod partikolari:

1) il-ħolqien ta' Kumitat ta' Programmi Ewropej tal-GNSS;

[19] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004.

2) ir-rwol tal-Kummissjoni bħala l-Maniġer tal-Programmi Ewropej tal-GNSS u l-kontraent prinċipali;

3) li jiġi msaħħaħ ir-rwol tal-GSA fil-preparazzjoni tas-suq u bħala konsulent tal-Kummissjoni u għajnuna għall-Kummissjoni fil-ġestjoni tal-programm;

4) ir-rwol ta' l-ESA bħala kontraent prinċipali, li taġixxi abbażi tal-Ftehim GNSS ESA-KE;

5) il-preżentazzjoni ta' rappurtar regolari u trasparenti lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

## 8. IL-PRINĊIPJI TA' L-AKKWIST PUBBLIKU TA' GALILEO

Il-Kummissjoni hija konvinta bis-sħiħ li fil-programm hija meħtieġa l-introduzzjoni ta' elementi li jwasslu għal kompetizzjoni robusta u ġusta, permezz ta' appalti kompetittivi regolari fl-elementi kollha tal-programm, li fejn possibbli, jipprevedu l-offerti minn żewġ fornituri (*dual-sourcing*) sabiex tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza, u fuq kollox, biex jitnaqqsu l-ispejjeż u jittaffew ir-riskji. Madankollu, hemm bżonn li kemm issa kif ukoll fil-futur, l-appaltar ta' Galileo tkun tgawdi minn industrija Ewropea diversifikata u kompetittiva u minn tqassim wiesa' tal-kompetenzi. Għaldaqstant, l-insuffiċjenza ta' fornituri u l-użu ta' fornitur uniku jeħtieġ li jiġu minimizzati kemm jista' jkun fil-livelli kollha. Madankollu, fil-fażi li jmiss, għandhom jiġu kkunsidrati ċerti deċiżjonijiet u suċċessi tal-passat, notevolment, il-kuntratti IOV mas-settur privat. Barra minn hekk, il-kisba ta' offerti kompetittivi minn żewġ fornituri jistgħu jkunu ta' piż u jikkawżaw dewmien minħabba spejjeż addizzjonali u l-ħtieġa ta' ċertifikazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni ta' aktar fornituri.

Għalhekk, irid jinstab bilanċ xieraq bejn dawn l-elementi kollha, li jikkonċilja l-effiċjenza ġenerali tal-programm, id-deċiżjonijiet tal-passat, u l-ħtieġa ta' fornituri differenti b'kundizzjonijiet kompetittivi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji:

(1) L-applikazzjoni tar-regoli ta' akkwist pubbliku tal-Komunità;

(2) L-implimentazzjoni ta' struttura ta' sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva sabiex jinkisbu:

- aċċess miftuħ u kompetizzjoni ġusta fil-katina kollha ta' forniment għall-industrija, li jippermetti l-parteċipazzjoni ekwa tas-settur privat fil-livelli kollha, inkluż l-SMEs, fl-Istati Membri kollha;
- kontroll xieraq ta' l-ispejjeż kumplessivi tal-programm u ta' l-iskeda tiegħu;

(3) Għandhom jiġu kkunsidrati b'mod xieraq is-suċċessi u l-investimenti attwali, il-ftehimiet rilevanti u l-esperjenza li nkisbet, u l-fażi ta' definizzjoni u ta' żvilupp tal-programmi Ewropej tal-GNSS;

(4) Appaltar ma' żewġ fornituri fl-istess żmien, meta possibbli, bl-għan li jitnaqqsu r-riskji teknoloġiċi u industrijali kif ukoll id-dipendenzi; u kontroll aħjar ta' l-ispejjeż u l-kalendarju tal-programm;

(5) L-implimentazzjoni progressiva ta' l-infrastruttura tas-sistema mill-Validazzjoni fl-Orbita (IOV) għall-Kapaċità Operattiva Sħiħa (FOC) sabiex jiġu kkontrollati r-riskji u u sabiex is-servizzi jiddaħlu minn kmieni;

(6) Għandhom jiġu kkunsidrati b'mod xieraq in-natura strateġika tal-programmi Ewropej tal-GNSS u r-rekwiżiti fil-qasam tas-sigurtà u kontroll ta' l-esportazzjoni.

## 9. KUNĊETTI GĦALL-FAŻIJIET TA' OPERAZZJONIJIET U SFRUTTAMENT

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tappoġġa l-parteċipazzjoni bikrija tas-settur privat fil-programmi Ewropej tal-GNSS, inkluż fil-fażijiet ta' operazzjonijiet u sfruttament tas-sistema. Fil-prattika, l-għadd disponibbli ta' għażliet differenti jew ta' l-użu flimkien ta' xi wħud minnhom huwa limitat; dawn l-għażliet jinkludu d-diversi varjanti ta' PPP, kuntratti ta' servizz jew entitajiet pubbliċi.

Madankollu, tkun neċessarja ħafna aktar analiżi, u l-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-GSA, diġà bdiet tagħmel din l-analiżi. Il-koordinament tad-deċiżjonijiet relatati mad-diversi fażijiet hija importanti biex tiżgura l-koerenza ġenerali ta' l-approċċ tal-programm.

| |
|---|
| Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deċiżjonijiet dwar il-fażi operattiva u ta' sfruttament tal-programmi Ewropej tal-GNSS jistgħu jittieħdu biss wara fażi ta' studji tekniċi, kummerċjali, finanzjarji u ta' programmar ddettaljati. Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni ser tressaq il-proposti tagħha. |

## 10. KALENDARJU GĦALL-FAŻI TA' TWETTIQ TAL-PROGRAMMI EWROPEJ TAL-GNSS

Kif stipulat fid-dokumenti sottomessi mill-Kummissjoni f'Mejju, il-kuntratt għall-fażi ta' twettiq jidħol fis-seħħ mill-ewwel sena ta' wara dik li fiha tittieħed id-deċiżjoni politika mill-UE dwar ir-rikonfigurazzjoni, u bis-suppożizzjoni li d-deċiżjonijiet ġuridiċi rilevanti għall-baġit u finanzjament jittieħdu sa xahrejn wara. B'kundizzjoni li l-appaltar bikri ta' l-elementi li jieħdu żmien twil isseħħ ta' lanqas minn sitt xhur qabel, il-Kapaċità Operattiva Sħiħa (FOC) tista' tinkiseb erba' snin u nofs mid-data li fiha jinbeda dan il-kuntratt.

Minħabba ż-żmien meħtieġ biex jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-programmi Ewropej tal-GNSS, jekk tittieħed deċiżjoni politika pożittiva sa l-aħħar ta' l-2007, il-FOC tkun tista' tinkiseb sa nofs l-2013

Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu għal dan il-kalendarju għall-fażi ta' twettiq tal-programmi Ewropej tal-GNSS (li għaliha, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni jinkludi lista ta' dati u miri relatati).

Anness 1: ħarsa ġenerali tar-riskji tal-programm Galileo

| kategorija tar-riskju | kawża | impatt | probabilità | firxa ta' l-ispejjeż każ b'każ |
|---|---|---|---|---|
| Fażi ta' Appaltar/Twettiq | | | | |
| Riskji ta' disinn | Arloġġi atomiċi, imġiba fl-orbita, rendiment tas-servizz SOL, rekwiżiti ta' sigurtà għall-implimentazzjoni, il-bidla minn IOV għall-FOC | Disinn ġdid | Mhux probabbli | ~ €250 miljun sa £500 miljun |
| Riskji tat-twettiq | Kwistjonijiet tekniċi, maniġerjali, finanzjarji, politiċi.<br>Riskji marbuta mal-varar tas-satelliti fl-orbitu | Tardjar | Mhux probabbli | sa €250 miljun |
| Fażi ta' Operazzjonijiet/Sfruttament | | | | |
| Riskji relatati mas-suq/mad-dħul | Rendiment insuffiċjenti tas-suq jew impatt tar-riskji ta' disinjar/twettiq fuq id-dħul | Telf ta' dħul | Probabbli | Sa nofs il-limitu bażi ta' dħul annwali |
| Responsabbiltà ta' parti terza | Rikjesti | Ħlas ta' rikjesti | Remot ħafna | > €1 biljun |
| Riskji mhux assigurabbli | Kapaċità kummerċjali insuffiċjenti | Finanzjament dirett | Remot | > €1 biljun |
| Avvenimenti addizzjonali | Kawżi li l-programm ma għandu ebda kontroll fuqhom | - | Remot | ~ €250 miljun sa €500 miljun |

Aktar dettalji jinstabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni